## NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

**Nru. 1620**

**IL-KOSTITUZZJONI TA' MALTA**

**Delega ta' Ċerti Setgħat fir-Rigward tas-Servizz Pubbliku**

MILL-ONOREVOLI Dott. Robert Abela, KUOM, BA, LLD, Adv., Trib., Melit., MP, Prim Ministru.

BILLI artikolu 110 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi biex il-Prim Ministru, li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, ikollu f'idejh is-setgħa li jagħmel ħatriet f'karigi pubbliċi u li jneħħi persuni li jkollhom jew ikunu jaġixxu f'xi karigi bħal dawk;

U BILLI huwa pprovdut ukoll fl-imsemmi artikolu li l-Prim Ministru, li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, jista' jiddelega bil-miktub kwalunkwe setgħa minn dawk hawn fuq imsemmija lil dak l-uffiċjal pubbliku jew lil xi awtorità oħra kif jistgħu jkunu speċifikati fid-Dokument ta' Delega;

U BILLI l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku rrakkomandat li s-setgħa li jsiru ħatriet f'karigi pubbliċi taħt l-artikolu 110 tal-Kostituzzjoni, ta' persuni kkunsidrati b'mod favorevoli mill-Kumitat maħtur mis-Segretarju Permanenti Ewlieni sabiex jiġu evalwati talbiet għall-impjieg mill-ġdid ta' persuni li kienu uffiċjali pubbliċi li jkunu rriżenjaw mis-Servizz Pubbliku u d-dħul mill-ġdid ta' uffiċjali pubbliċi li rtiraw għal raġunijiet mediċi jew ta' interess pubbliku, tkun delegata lis-Segretarju Permanenti responsabbli għall-amministrazzjoni ċentrali tar-riżorsi umani u l-immaniġġjar tan-nies,

Sakemm:

1. dawk il-persuni m'għandhomx każijiet dixxiplinarji sospiżi skont is-subregolament 33 (3) tar-Regolamenti Dixxiplinari tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (S.L. Const. 07);

2. is-setgħa delegata minn dan id-Dokument għandha tiġi eżerċitata soġġetta għad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Ħatriet tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, kwalunkwe dispożizzjoni ta' kwalunkwe liġi oħra li tista' tapplika, u kwalunkwe direttiva u linji gwida maħruġa mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku jew mis-Segretarju Permanenti Ewlieni bl-approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku;

3. is-setgħa delegata minn dan id-Dokument tista' tiġi eżerċitata mingħajr referenza għall-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku; u

## GOVERNMENT NOTICES

**No. 1620**

**THE CONSTITUTION OF MALTA**

**Delegation of Certain Powers Respecting the Public Service**

BY the Honourable Dr Robert Abela, KUOM, BA, LLD, Adv., Trib., Melit., MP, Prime Minister.

WHEREAS article 110 of the Constitution of Malta provides that power to make appointments to public offices and to remove persons holding or acting in any such offices shall vest in the Prime Minister, acting on the recommendation of the Public Service Commission;

AND WHEREAS it is further provided in the same article that the Prime Minister, acting on the recommendation of the Public Service Commission, may delegate in writing any of the aforementioned powers to such public officer or other authority as may be specified in the Instrument of Delegation;

AND WHEREAS the Public Service Commission has recommended that the power to make appointments to public offices under article 110 of the Constitution, of persons favourably considered by the Committee appointed by the Principal Permanent Secretary for the purpose of evaluating requests for the re-employment of former public officers who had resigned from the Public Service and the re-instatement of public officers who had retired on medical grounds or on grounds of public interest, be delegated to the Permanent Secretary responsible for the central administration of human resources and people management,

Provided that:

1. such persons have no suspended disciplinary cases in terms of sub-regulation 33 (3) of the Public Service Commission Disciplinary Regulations (S.L. Const. 07);

2. the power delegated by this Instrument should be exercised subject to the provisions of the Public Service Commission Appointments Regulations, any provisions of any other law that may apply, and any directives and guidelines issued by the Public Service Commission or by the Principal Permanent Secretary with the approval of the Public Service Commission;

3. the power delegated by this Instrument may otherwise be exercised without reference to the Public Service Commission; and

4. id-delega tas-setgħa msemmija hawn fuq għandha tkun soġġetta għall-kundizzjoni li l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tirriżerva d-dritt li tagħmel, fi kwalunkwe ħin, rakkomandazzjoni lill-Prim Ministru li dan id-Dokument ta' Delega jiġi rtirat jew emendat u li, jekk issir tali rakkomandazzjoni u sakemm il-Prim Ministru jaġixxi fuqha, is-setgħat delegati minn dan id-Dokument għandhom jiġu sospiżi;

U BILLI naqbel mar-rakkomandazzjonijiet imsemmija:

ISSA, GĦALHEKK, JIENA, ROBERT ABELA, KUOM, BA, LLD, ADV., TRIB., MELIT., MP., Prim Ministru, bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 110 tal-Kostituzzjoni, qiegħed b'din nordna li s-setgħa msemmija hawn fuq tiġi ddelegata lis-Segretarju Permanenti responsabbli għall-amministrazzjoni ċentrali tar-riżorsi umani u l-immaniġġjar tan-nies f'konformita' ma' u mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet preċedenti ta' dan id-Dokument, kif rakkomandat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

DAN ID-DOKUMENT ta' Delega huwa b'żieda u mingħajr preġudizzju għal Dokumenti oħra ta' Delega li nħarġu skont l-artikolu 110 tal-Kostituzzjoni.

MOGĦTI bil-firma tiegħi
fil-Berġa ta' Kastilja, Il-Belt Valletta
illum 12 ta' Novembru, 2024

4. the above mentioned delegation of power should be subject to the proviso that the Public Service Commission reserves the right to make, at any time, a recommendation to the Prime Minister that this Instrument of Delegation be withdrawn or amended and that, upon such a recommendation being made and until the Prime Minister acts upon such a recommendation, the powers delegated by this Instrument shall be suspended;

AND WHEREAS I agree with the said recommendations:

NOW, THEREFORE, I, ROBERT ABELA, KUOM, BA, LLD, ADV., TRIB., MELIT., MP., Prime Minister, in exercise of the powers conferred by article 110 of the Constitution, do hereby direct that the power set out above be delegated to the Permanent Secretary responsible for the central administration of human resources and people management in accordance with and subject to the foregoing provisions of this Instrument, as recommended by the Public Service Commission.

THIS INSTRUMENT of delegation shall be in addition and without prejudice to other Instruments of Delegation which have been issued in terms of article 110 of the Constitution.

GIVEN under my hand at the
Auberge de Castille, Valletta
this 12th day of November, 2024

**Nru. 1621**

**PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZ TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT**

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozz ta' Liġi li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru 119 imsejjaħ l-Att tal-2024 li jemenda l-Att dwar is-Saħħa.

It-22 ta' Novembru 2024

**No. 1621**

**PUBLICATION OF BILL IN SUPPLEMENT**

IT is notified for general information that the following Bill is published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 119 entitled the Health (Amendment) Act, 2024.

22nd November 2024

**Nru. 1622**

**ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)**

**Rikors Numru: 1122/2024**

ILLI permezz ta' digriet datat nhar 16 ta' Novembru, 2024, il-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili sabet li n-Nutar Dott. Nicholas Charles Vella naqas milli jwettaq dak li ġie lilu ordnat bid-digriet tagħha tal-10 ta' Ottubru, 2024, u għalhekk, wara li rat l-Artikolu 124 (4) tal-Kap. 55 tal-Liġijiet

**No. 1622**

**NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)**

**Application Number: 1122/2024**

BY a decree dated 16th November, 2024, the Court of Revision of Notarial Acts found that Notary Dr Nicholas Charles Vella failed to execute what he has been ordered to do in its decree of the 10th October, 2024, and consequently after having seen Article 124 (4) of Chapter 55 of the Laws